## 15 ta' Ottubru, 1955

**Imħallef:**

**Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

*Edgar Barbara versus Captain John H. Mercieca et.*

## Lokazzjoni — Żgumbrament — Board tal-Kera — Spejjeż tal-Garr

*L-inkwilin li jkun kundannat b'sentenza tal-Board tal-Kera biex jiżgombra mill-fond minnu okkupat u jmur fil-post lilu offert bħala "alternative accommodation" jew f'xi post ieħor li jrid hu, jeżegwixxi dik is-sentenza fl-interess tiegħu, biex ma jsibu ruħu passibbli għal xi atti eżekuttivi, u mhux fl-interess tas-sid li jkun irid il-fond għalieħ; u għaldaqstant l-ispejjeż li jagħmel biex iġorr ħwejġu fil-post il-ġdid u jikkonsenja ċ-ċwievet tal-post mnejn ġie kundannat jiżgombra huma a kariku tiegħu; b'mod li, fl-assenza ta' ftehim kuntrarju, huwa ma għandux dritt għar-rimborż ta' dawk l-ispejjeż minn għand is-sid.*

*Lanqas jista' jeżiġi dak ir-rimborż bħala kumpens ta' serviġi, jew bħala danni, jew taħt ebda titolu ieħor.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtijin il-provvedimenti opportuni, peress illi fuq domanda tal-konvenut u ta' ħutu Paul Mercieca, M.B.E., A.I.C., u Joseph u Michael Mercieca, b'sentenza tal-Board tal-Kera tat-2 ta' Ġunju,

1954, (dok. A), l-attur ġie kundannat jiżgombra mill-fond ta' l-abitazzjoni no. 193 Strada Ridolfo, Sliema, peress illi l-konvenut ried l-istess fond għall-użu tiegħu personali; u peress illi l-attur żgombra mill-fuq imsemmi fond u mar joqgħod fil-fond nru. 23, Strada Reale, tas-Sliema, u nefaq £35 għall-ġarr tal-mobbli u kollokament tagħhom fid-dar fejn mar joqgħod; u peress illi l-ispiża fuq imsemmija ġiet inkorsa mill-attur unikament fl-interess tal-konvenut, biex ikun jista' jikkonsenjalu d-dar no. 193, Ridolfo Street, Sliema, pronta għall-abitazzjoni ta' l-istess konvenut u tal-familja tiegħu; peress illi l-attur, permezz ta' ittra uffiċjali tal-25 ta' April, 1955, interpella inutilment lill-konvenut għall-pagament tal-fuq imsemmi ammont; talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur il-predetta somma ta' £35 in rimbors ta' altrettant li huwa nefaq għat-trasport tal-mobbli fl-okkażjoni tat-traslok fuq imsemmi, jew għal kawżali oħra li talvolta tirriżulta. Bl-interessi legali minn notifika ta' l-ittra uffiċjali tal-25 ta' April, 1955, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-fuq imsemmija ittra uffiċjali;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jippretendi mingħand il-konvenuti, li ottenew ir-ripreża ta' pussess tal-fond nru. 193 Rudolph Street, Sliema, minn għandu permezz tal-Board tal-Kera, il-flus li hu nefaq, ċjoè £35, għall-ġarr u kollokament tal-mobbli fil-post l-ieħor fejn kellu jmur jgħammar; u dana in bażi għar-raġuni li huwa ħaqqu rimbors peress li nkorra f'dik l-ispiża unikament fl-interess tal-konvenuti, sabiex ikun jista' jikkonsenjalhom il-post;

Illi mhux korrett li jingħad li l-attur ġarr u nkorra f'dik l-ispiża fl-interess tal-konvenuti. Infatti, jekk dawn kellhom, kif mhux dubitat, is-setgħa li jieħdu l-post imsemmi, fejn kien jgħammar l-attur, bi dritt tal-liġi applikata u mmexxija mill-Board tal-Kera, u jekk dan il-Board ħaseb u qata' definittivament li l-konvenuti kellhom dak l-istess dritt u ordna l-iżgumbrament ta' l-attur, kien fl-interess ta' dan l-aħħar imsemmi li jagħmel dak il-ġarr minn dak il-post, jew għall-post lilu offert u dikjarat bħala "suitable accomodation" għalih, jew, jekk irid, għal kwalunkwe post ieħor

li seta' jagħżel, sabiex ma jkunx passibbli għal xi attijiet eżekuttivi li bihom il-ħwejjeġ tiegħu setgħu jiġu mitfugħin barra t-trieq;

Illi kwindi, fl-assenza ta' ftehim, li mhux pretiż, l-ispiża nkorsa mill-attur għandha tkun a kariku tiegħu:

Illi l-attur lanqas ma jista' jitlob is-somma msemmija bħala kumpens, l-għaliex huwa ma rrenda l-ebda servizz lill-konvenuti, imma biss assoġġetta ruħu għad-dikjarazzjoni u rikonoxximent tad-dritt tagħhom mill-parti tal-Board tal-Kera skond il-liġi. Anqas u anqas ma jista' jitlobhom bħala danni; għaliex "qui suo jure utitur non videtur damnum facere". U dina l-Qorti ma tistax tara taħt liema titolu ieħor seta' talab dak l-ammont fiċ-ċirkustanzi ta' fatti, kif jinstabu ammessi;

Illi ż-żewġ sentenzi ċitati mill-avukat ta' l-attur fil-verbal tal-lum ma għandhom x'jaqsmu xejn; l-għaliex il-kondizzjoni tal-ħlas tal-ġarr ġiet imposta bħala kondizzjoni ta' l-iżgumbrament f'dawk l-istess sentenzi, u ma ġiex dikjarat li huwa prinċipju li min jiġi żgumbrat taħt iċ-ċirkustanzi tal-kawża tal-lum għandu d-dritt għar-rifużjoni ta' dik l-ispiża;

Illi kwindi t-talba attriċi hija nieqsa minn fundament;

Għalhekk;

Tiċħad it-talba attriċi; bl-ispejjeż għall-attur.